A.L. 159 ta' l-1993

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI (ATT NRU. XV TA' L-1993)

Regolamenti ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali (Ilmenti)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-ordni 39 tal-Ordnijiet Permanenti li jinsabu fis-Sitt Skeda ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, u bl-artikolu 72 ta' l-istess Att, il-Prim Ministru għamel ir-regolamenti li ġejjin:

TAQSIMA I

Dispożizzjonijiet Ġenerali

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolameti ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali (Ilmenti).

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtiġx xort'oħra —

"Att" tfisser l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali;

"ilment" tfisser kull anzjetà, allegazzjoni, kritika, aggravju, akkuża jew protest jew kull tagħrif ieħor negattiv indirizzat lil, jew riċevut mill-Kunsill jew minn xi mpjegat tal-Kunsill sew direttament jew indirettament;

"ilment urġenti" tfisser ilment li min-natura tiegħu jkun meqjus bħala urġenti u tinkludi ilment li —

(a) jallega ksur serju ta' xi liġi nazzjonali jew lokali; jew

(b) juri li jkun hemm riskju serju għas-sigurtà; jew

(ċ) juri li jistgħu jiġġarrbu danni sostanzjali mill-Kunsill; jew

(d) hekk jitqies mis-Segretarju.

Kondizzjonijiet ġenerali u klassifika ta' ilmenti.

3. (1) L-ilmenti kollha jkunu trattati u kunsidrati skond dawn ir-regolamenti u l-proċeduri kollha li jistgħu jinħarġu mill-Ministru, u għandhom ikunu klassifikati taħt dawn it-tliet kategoriji li ġejjin:—

(i) Ilmenti ta' l-Ewwel Kategorija li jirreferu għal ħwejjeġ ġenerali ta' Kunsilli Lokali kif imfisser fl-Att u jinkludu:

(a) attivitajiet, azzjonijiet jew sitwazzjonijiet mhux leġittimi kif deskritt fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 13, fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 16, fil-paragrafi (a) u (b) ta' l-artikolu 22 u fl-artikolu 71 ta' l-Att;

(b) kull attività oħra illeġittima tal-Kunsill, tal-Kunsillieri, tas-Segretarju jew ta' xi mpjegat ieħor;

(ċ) eżekuzzjoni mhux sodisfaċenti jew inkorretta tal-funzjonijiet, amministrazzjoni jew xi xogħol ieħor tal-Kunsill, ta' Kunsillieri, tas-Segretarju jew ta' xi mpjegat ieħor, iżda eskluż lmenti tat-Tieni Kategorija;

(d) jekk il-Kunsill xjentement ma jagħtix każ tal-kontravenzjoni ta' *bye-law*;

(e) attivitajiet tal-Kunsill li jwasslu għal danni konsegwenzjali għal min jagħmel l-ilment, iżda eskluż lmenti tat-Tieni Kategorija;

(f) aspetti jew attivitajiet negattivi li għandhom x'jaqsmu mal-pulizija, traffiku, ambjent, saħħa, edukazzjoni, protezzjoni tal-konsumatur, u kull attività li x'aktarx iddejjaq lil ħaddieħor.

(ii) Ilmenti tat-Tieni Kategorija li jirreferu għall-funzjonijiet speċifiċi li ġejjin tal-Kunsill:

(a) servizzi jew xogħlijiet difettivi jew mhux sodisfaċenti li jsiru mill-Kunsill jew għalih;

(b) materjal jew provvisti difettużi provduti mill-Kunsill jew lilu;

(ċ) funzjonijiet tal-Kunsill imsemmija fis-sub-paragrafi (a) u (b) ta' dan il-paragrafu li jwasslu għal danni konsegwenzjali għal min jagħmel l-ilment.

(iii) Ilmenti tat-Tielet Kategorija li jirreferu għal ħwejjeġ ta' terzi persuni u jinkludu:

(a) strutturi, ħwejjeġ jew attivitajiet fil-lokalità li jkunu perikoluż, bla sigurtà, ta' dannu għas-saħħa, koroh jew danneġġanti;

(b) attivitajiet kummerċjali, ta' bini jew kostruzzjoni li jkunu mhux leġittimi, ta' periklu jew mhux meħtieġa.

TAQSIMA II

X'isir min ilmenti

Reġistrazzjoni u klassifika ta' lmenti.

4. (1) Meta jirċievi lment is-Segretarju għandu jiżgura li dan ikun reġistrat flimkien mad-dettalji kollha oriġinali u li jkun investigat sew u trattat sakemm jingħalaq.

(2) L-ilmenti jkunu klassifikati skond il-kategoriji, xorta u grad ta' importanza jew urġenza skond dawn ir-regolamenti u skond l-proċeduri kollha li jistgħu jinħarġu mill-Ministru. Il-Kunsill jista' wkoll jadotta proċeduri interni li ma jkunux inkonsistenti ma' l-imsemmija regolamenti jew proċeduri.

Ilmenti li jolqtu lil terzi.

5. Il-Kunsill jista' jittratta l-ilmenti tat-Tielet Kategorija f'isem min jagħmel l-ilment:

Iżda:

(a) is-suġġett ta' dak l-ilment ma jkunx jaqa' taħt il-kompetenza ta' dipartiment jew aġenzija tal-Gvern;

(b) il-Kunsill jew is-Segretarju jqis li s-suġġett ta' dak l-ilment ikun ta' mportanza għal-lokalità.

Ilmenti ta' xorta urġenti.

6. (1) Is-Segretarju għandu jwieġeb dwar ilmenti ta' xorta urġenti jew jallokhom fi żmien erba' u għoxrin siegħa minn meta jkunu riċevuti.

(2) Is-Segretarju għandu minnufih jgħarraf lill-Kunsill b'kull ilment ta' xorta urġenti u b'kull azzjoni li tkun ittieħdet.

Is-Segretarju jirrapporta lmenti ġodda lill-Kunsill.

7. (1) Is-Segretarju għandu jippreżenta lill-Kunsill rapport li fih jitniżżel l-ilmenti ġodda kollha riċevuti sa qabel kull laqgħa tal-Kunsill.

(2) Ir-rapport imsemmi fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandu jinkludi rakkomandazzjonijiet u tagħrif relattiv sabiex il-Kunsill ikun jista' jikkunsidra kif għandu jaġixxi fuq l-ilmenti ġodda riċevuti.

Rapport dwar f'hiex ikunu waslu l-ilmenti.

8. (1) Is-Segretarju għandu f'kull laqgħa tal-Kunsill jirraporta lill-Kunsill dwar fejn ikunu waslu l-ilmenti kollha.

(2) Ir-rapport imsemmi fil-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament għandu jinkludi:

(a) analiżi ta' l-ilmenti skond il-kategorija, xorta u grad ta' importanza;

(b) il-medja taż-żmien li tittieħed mill-Kunsill biex jagħlaq ilment fis-sena finanzjarja kurrenti;

(ċ) kemm ikun ilhom li saru l-ilmenti pendenti;

(d) l-identifikazzjoni ta' lmenti li mix-xorta tagħhom ikollhom x'jaqsmu ma' xulxin jew li jindikaw li problema, każ jew sitwazzjoni partikolari jkunu ħżienu jew tjiebu;

(e) it-tendenza ta' kif jidħlu l-ilmenti ta' kull xahar.

Il-Kunsill jaqta' dwar l-ilmenti.

9. (1) Il-Kunsill għandu jiddiskuti r-rapporti ppreżentati mis-Segretarju taħt ir-regolamenti 6 u 7 ta' dawn ir-regolamenti u għandu jiddeċiedi l-azzjoni li għandha tittieħed jew x'risposta għandha tingħata.

(2) Is-Segretarju għandu jiżgura li dawk id-deċiżjonijiet tal-Kunsill ikunu implimentati kemm jista' jkun malajr.

Għeluq ta' lmenti.

10. (1) Ilment jitqies li hu magħluq meta:

(a) jkun miċħud bħala frivolu, vessatorju jew trivjali mill-Kunsill;

(b) il-Kunsill isib li dak l-ilment ma jkunx raġonevoli, sostanzjat, bażat jew ġustifikat;

(ċ) il-Kunsill ikun solva l-każ, l-inkwiet, il-punt jew is-sustanza ta' l-ilment billi jkun ipprovda t-tagħrif għas-sodisfazzjon ta' min jagħmel l-ilment;

(d) min jagħmel l-ilment jirtirah u l-Kunsill ikun sodisfatt li l-ilment għandu jingħalaq;

(e) il-Kunsill, jew xi korp jew organizzazzjoni oħra li lilha jkun intbagħat l-ilment tkun indirizzat is-suġġett ta' l-ilment b'mod li jissodisfa lil min jagħmel l-ilment;

(f) il-Kunsill ikun indennizza jew ikkumpensa lil min għamel l-ilment wara talba għad-danni;

(ġ) il-Kunsill ikun beda proċedimenti legali f'każ ta' ksur ta' liġijiet nazzjonali jew *bye-laws* tal-lokalità;

(ħ) il-Kunsill ikun b'mezzi oħra ssodisfa lil min jagħmel l-ilment.

(2) Jekk il-każ ta' l-ilment ikun *sub judice* jew ikun qed jistħarreġ mill-pulizija jew ikun intbagħat lill-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni, l-ilment għandu jintbagħat *sine die* sakemm tingħata d-deċiżjoni jew jingħata riżultat ta' l-istħarriġ.

Is-Segretarju jirrispondi l-ilmenti.

11. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-regolament 5 ta' dawn ir-regolamenti, is-Segretarju għandu jirrispondi bil-miktub kull ilment fi żmien tletin jum minn meta jkun riċevut.

(2) Ir-risposta msemmija fis-subartikolu (1) ta' dan ir-regolament għandha tinkludi tagħrif, dettalji ta' kull stħarriġ u l-azzjoni li tkun ittieħdet jew li tkun se tittieħed u għandha tgħid jekk il-Kunsill iqisx l-ilment magħluq jew le skond ir-regolament 10 ta' dawn ir-regolamenti.

(3) Meta l-ilment ikun ingħalaq is-Segretarju għandu jgħarraf lil min jagħmel l-ilment.

(4) Kull tletin jum is-Segretarju għandu jkompli jaġġorna bil-miktub lil min jagħmel l-ilment sakemm dan jingħalaq skond ir-regolament 10 ta' dawn ir-regolamenti.